# Torrijiet u Difiża

Sa minn l-eqdem żminijiet kien hemm bżonn ta' difiża u ħarsien tax-xtut ta' madwar il-gżejjer tagħna. Dan għaliex minn dejjem kien hemm il-bżonn li l-poplu jkun protett minn kull assalt li seta' jkun hawn mill-furbani u l-pirati li f'dawk iż-żminijiet kienu jaħbtu għal dawn il-gżejjer u jisirqu kull ma jiġi għal idejhom. Kienu wkoll jaħtfu lill-Maltin u jġorruhom lejn il-jasar bla ebda ħniena.
Għal dan il-għan l-amministrazzjoni tal-gvern ta' dawk iż-żminijiet (li dak iż-żmien kienet imsejħa l-Università) kienu jordnaw lil dawk iż-żgħażagħ subien minn sittax-il sena 'l fuq flimkien ma' dawk l-irġiel kollha li kellhom taħt il-ħamsa u sittin sena, sabiex jiġu ingaġġati mad-Dejma Maltija biex jiffurmaw parti mill-battaljuni ħalli jieħdu ħsieb id-difiża ta' Malta u Għawdex.
Fil-lista tal-Malizja Maltija ta' l-1419-1420, insibu li kien hemm madwar erba' u erbgħin raġel mill-irħula ta' Casal Gregorio u Samudi (li kien jinsab taħt l-għolja tal-Madliena), li kienu jagħtu sehemhom fid-Dejma. Dawn kienu jħarsu l-kosta ta' Malta sew bi nhar kif ukoll matul il-lejl skond kif kien ikun imisshom u meta dawn kienu jilmħu xi xambrekk ta' l-għadu riesaq lejn dik ix-xaqliba, kienu jagħtu s-sinjal. Kienu jagħmlu dan permezz tad-duħħan jekk jilmħu xi ħaġa matul il-ġurnata u permezz ta' ħġejjeġ kbar jekk dawn kienu jaraw xi ħaġa bil-lejl. B'hekk kienu jagħtu l-allarm lill-postijiet oħra fil-viċin u jsejħu l-għajnuna biex jiġġieldu ma' l-għadu u jreġġawh lura.
Meta f'Malta ġew il-Kavallieri ta' San Ġwann, din it-tip ta' difiża kienet ġiet infurzata ferm aktar tant li kull battaljun kien ikollu bħala Kaptan wieħed mill-Kavallieri ta' l-Ordni u b'hekk dawk is-suldati tad-Dejma kienu jiġu mħarrġa sew fit-taqbid kontra l-għadu.
Fin-naħa t'isfel tar-raħal tagħna nsibu l-pjazza tad-Dejma fejn kienu jinġabru dawk is-suldati biex jiġu addestrati u jieħdu l-istruzzjonijiet dwar is-servizz tagħhom.
Fi żmien il-Gran Mastru Martino De Redin, kienu ġew mibnija erbatax-il torri madwar ix-xtajtiet ta' Malta bħal difiża kontra dawn l-attakki. Dawn it-torrijiet jinsabu f'postijiet strateġiċi li minn fuq il-bjut tagħhom wieħed jista' jara lil dawk ta' madwaru sabiex meta wieħed minn dawn kien jagħti xi sinjal, dawn kienu jgħadduh minn wieħed għall-ieħor sakemm jasal is-sinjal għall-Belt.
Ta' min isemmi li tnejn minn dawn it-torrijiet jinsabu bejn ir-raħal tagħna, jiġifieri wieħed fil-ponta tal-bajjiet tal-Magħtab u ta' Baħar iċ-Ċagħaq msejjaħ ta' San Mark u l-ieħor ftit il-bogħod mit-telgħa tat-tiebru. Dawn it-torrijiet kien ikollhom kanunu u munizjon ieħor kif ukoll ħwejjeġ oħra tal-ġlied għas-suldati ta' l-għassa li kien ikun hemm fihom.
Insibu li dawn it-torrijiet kollha kienu ġew imħallsa mill-Gran Mastru De Redin minn butu u kienu swew somma flus mhux ħażin. B'xorti tajba, illum il-ġurnata ħafna minn dawn it-torrijiet għadhom jeżistu u jinsabu f'kundizzjoni tajba ħafna minkejja s-snin kollha li għaddew minn fuqhom. Tajjeb li ngħidu li ħafna minn dawn it-torrijiet huma taħt il-ħarsien ta' l-assoċjazzjoni Din l-Art Ħelwa u fil-fatt diġa' sar xi restawr fuq uħud minnhom sabiex ikunu mħarsa aħjar peress li jiffurmaw parti mill-patrimonju tagħna l-Maltin.

**Lino Wettinger**
**Mejju 2003**



*Torri tal-Qrejten*